# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha 28 ta’ Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 36**

**Avviz numru 221/97/SM**

**C. Sare` Marble Works Limited.**

**vs**

**Cristiano u Alfrida konjugi Bugeja.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-12 ta’ Frar ta’ l-1997 li permezz tieghu s-socjeta’ attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ LM500 bilanc minn somma akbar dovuta ghall-provvista u tqeghid ta’ irham fil-proprejta’ taghhom;**

**2. Bl-ispejjez, bl-imghax minn notifika tal-avviz u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-8 t'April ta' l-1997 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:**

**1. Preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni ai termini tal-Art 2148 (A) tal-Kodici Civili (Kap 16);**

**2. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mhux dovut stante li x-xoghol tal-irham imqieghed fil-proprieta tal-konvenuti huwa difettuz u ma sarx skond kif titlob is-sengha u l-arti;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat il-kontro-talba ta' l-istess konvenuti li ggib l-istess data  tan-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom li permezz taghha esponew u talbu s-segwenti:**

**1. Illi l-konvenuti qed jippresentaw is-segwenti rikonvenzjoni ai termini tal-Artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jsejjhu lill-attur rikonvenzjonat iwiegeb ghat-talba taghhom u jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti,  a spejjez tieghu jaqla x-xoghol ta' irham difettuz u madum hazin minnu fil-proprjeta tal-konvenuti 61, Old Railway Track, Santa Venera u taht is-sorveljanza ta' Perit Arkitett nominat mill-Qorti, jerga jezegwixxi x-xoghol tal-irham fl-istess proprjeta' b'mod li l-irham difettuz jigi sostitwit kollu kemm hu, u fin-nuqqas li l-attur rikonvenzjonat jaghmel dan li tawtorizza lill-konvenuti jaghmlu x-xogholijiet kollha necessarji fuq imsemmija a spejjez tal-istess attur rikonvenzjonat;**

**2. Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat li jibqa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghal kontro-talba tal-konvenuti datata t-18 t'April ta' l-1997 li permezz taghha s-socjeta' attrici eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti u skond l-ordni tal-konvenuti stess;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;**

**Rat id-decizjoni ta' din l-istess qorti datata l-10 ta' Gunju ta' l-1998 li permezz taghha cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' attrici datata l-20 ta' Marzu 2001 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

**Illi l-konvenuti m'ghadx ghandhom interess guridiku fl-eccezzjonijiet taghhom u l-kontro-talba minnhom maghmula peress illi fil-mori tal-kawza huma bieghu l-proprjeta' 61, Old Railway Road, Santa Venera, minghajr riserva ghall-vertenza ta' din il-kawza;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li jistghu jkunu sintetikament esposti bil-mod segwenti:**

1. **Illi s-socjeta' attrici, fuq ordni tal-konvenuti datat il-31 ta' Lulju ta' l-1995 kienet ghamlet xoghol ta' granit lill-istess konvenuti fil-fond 61, Old Railway Track, Santa Venera, ghall-prezz komplessiv ta' elf Lira Maltin, (LM1000.00,0), oltre l-ammont ta' hamsa u sebghin Lira Maltin (LM75.00,0) VAT;**

2. **Illi l-konvenuti hallsu l-ammont ta' mitt Lira Maltin (LM100.00,0) bhala depozitu, u pagament**

**sussegwenti ta' erba' mija u hamsa u sebghin Lira Maltin, (LM475.00,0);**

3. **Illi l-konvenuti ghad fadlilhom ihallsu lis-socjeta' attrici d-differenza ta' hames mitt Lira Maltin (LM500.00,0), u ghalhekk qed issir din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalkemm il-konvenuti kienu ferm attivi fil-fazi skritta ta' din il-procedura pero' jirrizulta li jaghzlu li jabbandunawha fil-fazi dibattimentali taghha u jonqsu li jipproducu provi favur it-tezi taghhom;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta' attrici pprovat il-kaz taghha skond il-ligi u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenuti tilqa' t-talbiet attrici kontenuti fl-avviz li ta bidu ghal din il-procedura u tikkundanna lil Cristiano u Alfrida konjugi Bugeja biex ihallsu l-bilanc ta' hames mitt Lira Maltin (LM500.00,0), minnhom dovuti lis-socjeta' attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**